Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Frar 2026
(OR. en)

5985/26

LIMITE

CORLX 123
CFSP/PESC 175
RELEX 147
COEST 100
FIN 201

PUBLIC

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/…

ta' …

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014
dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet
u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 66, 6.3.2014, p.1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/208/oj.

Billi:

(1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 208/2014.

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 208/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

PUBLIC

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 208/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill
Il-President

PUBLIC

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 208/2014, fit-Taqsima B. ("Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva"), taħt l-intestatura "Applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' kull waħda mill-persuni elenkati", l-informazzjoni fir-rigward ta' Vitalii Yuriyovych Zakharchenko, Viktor Ivanovych Ratushniak u Serhiy Vitalyovych Kurchenko hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Vitalii Yuriyovych Zakharchenko

Il-proċedimenti kriminali relatati mal-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Zakharchenko, inkluż id-dritt fundamentali li l-kawża tiegħu tinstema' fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mid-deċiżjonijiet tal-imħallef inkwirenti tad-19 ta' April 2021 li jordnaw id-detenzjoni taħt kustodja tas-Sur Zakharchenko kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tad-Distrett Pecherskyi ta' Kiev bid-data tal-10 ta' Awwissu 2021 li tagħti permess biex titwettaq investigazzjoni speċjali ta' qabel il-proċess fil-proċediment kriminali Nru 42016000000002929. Dawk id-deċiżjonijiet tal-imħallfin inkwirenti jikkonfermaw l-istatus ta' suspettat tas-Sur Zakharchenko u jenfasizzaw li s-suspettat qed jinħeba mill-investigazzjoni sabiex jevita r-responsabbiltà kriminali.

PUBLIC

Barra minn hekk, il-Kunsill għandu informazzjoni li l-awtoritajiet Ukreni ħadu miżuri biex ifittxu s-Sur Zakharchenko. Fit-12 ta' Frar 2020, il-korp investigattiv iddeċieda li jqiegħed lis-Sur Zakharchenko fil-lista internazzjonali ta' persuni mfittxijin u bagħat it-talba lid-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija fi ħdan il-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna biex jiddaħħal fil-bażi ta' data tal-Interpol. Barra minn hekk, fil-11 ta' Mejju 2021 l-Ukrajna bagħtet talba għal assistenza legali internazzjonali lill-Federazzjoni Russa biex tistabbilixxi fejn jinsab is-Sur Zakharchenko, li ġiet irrifjutata mir-Russja fil-31 ta' Awwissu 2021.

Il-Kunsill għandu informazzjoni li fid-9 ta' Frar 2022 tlestiet l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess fil-proċediment kriminali Nru 42016000000002929 u fil-5 ta' Awwissu 2022, wara li ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tal-Ukrajna, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali bagħat att tal-akkuża lill-Qorti tad-Distrett Pecherskyi tal-Belt ta' Kiev għall-konsiderazzjoni tal-merti tal-każ. Barra minn hekk, fit-2 ta' Mejju 2023 il-Qorti tad-Distrett Sviatoshynskyi ta' Kiev laqgħet it-talba tal-prosekutur u ffissat proċess bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji speċjali (in absentia) fin-nuqqas tal-akkużat. Il-Kunsill ġie infurmat li s-seduti tal-qorti għadhom għaddejjin, bi tnax-il seduta tal-qorti skedati fl-2024 u erbatax-il seduta tal-qorti skedati fl-2025. Uħud minn dawk is-seduti tal-qorti ma sarux, għal raġunijiet li jinkludu li l-avukat difensur maħtur ġdid tas-Sur. Zakharchenko jitħalla jiffamiljarizza ruħu mal-materjali tal-każ, u minħabba qtugħ tal-elettriku fil-bini tal-qorti wara attakk bil-missili. Fl-istess waqt, il-qorti qed teżamina dokumenti li jikkostitwixxu evidenza fir-rigward tal-kawża.

PUBLIC

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Ukreni, is-Sur Zakharchenko ma involviex avukat difensur fil-proċedimenti kriminali fl-Ukrajna iżda l-interessi tiegħu kienu qed jiġu rrappreżentati minn avukat difensur assenjat. Ma jista' jiġi aċċertat ebda ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fiċ-ċirkostanzi fejn id-difiża ma tkunx qed teżerċita dawk id-drittijiet.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kunsill iqis li l-perjodi li matulhom is-Sur Zakharchenko kien qed jaħrab mill-investigazzjoni jridu jiġu eskużi mill-kalkolu tal-perjodu rilevanti għall-valutazzjoni tar-rispett tad-dritt għal proċess fi żmien raġonevoli. Għaldaqstant, il-Kunsill iqis li ċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq attribwiti lis-Sur Zakharchenko kkontribwew b'mod sinifikanti għat-tul tal-investigazzjoni.

PUBLIC

6. Viktor Ivanovych Ratushniak

Il-proċedimenti kriminali relatati mal-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Ratushniak, inkluż id-dritt fundamentali li l-kawża tiegħu tinstema' fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali, ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mid-deċiżjonijiet tal-imħallef inkwirenti tad-19 ta' April 2021 li jordnaw detenzjoni taħt kustodja tas-Sur Ratushniak kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tad-Distrett Pecherskyi ta' Kiev bid-data tal-10 ta' Awwissu 2021 li tagħti permess biex titwettaq investigazzjoni speċjali ta' qabel il-proċess fil-proċediment kriminali Nru 42016000000002929. Dawk id-deċiżjonijiet tal-imħallfin inkwirenti jikkonfermaw l-istatus ta' suspettat tas-Sur Ratushniak u jenfasizzaw li s-suspettat qed jinħeba mill-investigazzjoni sabiex jevita r-responsabbiltà kriminali.

Il-Kunsill għandu informazzjoni li l-awtoritajiet Ukreni ħadu miżuri biex ifittxu lis-Sur Ratushniak. Fit-12 ta' Frar 2020, il-korp investigattiv iddeċieda li jqiegħed lis-Sur Ratushniak fil-lista internazzjonali ta' persuni mfittxijin u bagħat talba lid-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija fi ħdan il-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna biex jiddaħħal fil-bażi ta' data tal-Interpol. Barra minn hekk, fil-11 ta' Mejju 2021 l-Ukrajna bagħtet talba għal assistenza legali internazzjonali lill-Federazzjoni Russa biex tistabbilixxi fejn jinsab is-Sur Ratushniak, li ġiet irrifjutata mir-Russja fil-31 ta' Awwissu 2021.

PUBLIC

Il-Kunsill għandu informazzjoni li fid-9 ta' Frar 2022 tlestiet l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess fil-proċediment kriminali Nru 42016000000002929 u fil-5 ta' Awwissu 2022, wara li ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tal-Ukrajna, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali bagħat att tal-akkuża lill-Qorti tad-Distrett Pecherskyi tal-Belt ta' Kiev għall-konsiderazzjoni tal-merti tal-każ. Barra minn hekk, fit-2 ta' Mejju 2023 il-Qorti tad-Distrett Sviatoshynskyi ta' Kiev laqgħet it-talba tal-prosekutur u ffissat proċess bħala parti mill-proċedimenti ġudizzjarji speċjali (in absentia) fin-nuqqas tal-akkużat. Il-Kunsill ġie infurmat li s-seduti tal-qorti għadhom għaddejjin, bi tnax-il seduta tal-qorti skedati fl-2024 u erbatax-il seduta tal-qorti skedati fl-2025. Uħud minn dawk is-seduti tal-qorti ma sarux, għal raġunijiet li jinkludu qtugħ tal-elettriku fil-bini tal-qorti wara attakk bil-missili. Fl-istess waqt, il-qorti qed teżamina dokumenti li jikkostitwixxu evidenza fir-rigward tal-kawża.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Ukreni, is-Sur Ratushniak ma involvix avukat difensur fil-proċedimenti kriminali fl-Ukrajna iżda l-interessi tiegħu kienu qed jiġu rrappreżentati minn avukat difensur assenjat. Ma jista' jiġi aċċertat ebda ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fiċ-ċirkostanzi fejn id-difiża ma tkunx qed teżerċita dawk id-drittijiet.

PUBLIC

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kunsill iqis li l-perjodi li matulhom is-Sur Ratushniak kien qed jevita l-investigazzjoni jridu jiġu eskluži mill-kalkolu tal-perjodu rilevanti għall-valutazzjoni tar-rispett tad-dritt għal proċess fi żmien raġonevoli. Għaldaqstant, il-Kunsill iqis li ċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq attribwiti lis-Sur Ratushniak ikkontribwew b'mod sinifikanti għat-tul tal-investigazzjoni.

PUBLIC

12. Serhiy Vitalyovych Kurchenko

Il-proċedimenti kriminali relatati mal-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Kurchenko, inkluż id-dritt fundamentali li l-kawża tiegħu tinstema' fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari permezz tal-fatt li d-difiża ġiet notifikata bit-tlestija tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess fil-proċediment kriminali Nru 42016000000003393 fit-28 ta' Marzu 2019 u ngħatat aċċess għall-materjali għall-familjarizzazzjoni. Fil-11 ta' Ottubru 2021, l-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna informa wkoll lill-avukati difensuri tas-Sur Kurchenko dwar it-tlestija tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u l-għoti ta' aċċess għall-materjal tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess għall-familjarizzazzjoni. Il-Kunsill irċieva informazzjoni li l-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna ppreżenta mozzjoni biex jiġi stabbilit skadenza għar-rieżami mill-parti tad-difiża sabiex jiġi indirizzat id-dewmien tal-parti tad-difiża fir-rieżami tal-materjali tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess. Il-Kunsill ġie infurmat li fid-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Ġunju 2022, il-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna stabbiliet limitu ta' żmien sal-1 ta' Diċembru 2022 għall-parti tad-difiża biex ilestu l-proċess ta' familjarizzazzjoni, u wara dan jitqiesu li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jaċċessaw il-materjali. Fis-7 ta' Diċembru 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni bagħat att tal-akkuża lill-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna għall-eżami tal-merti tal-każ. Fit-30 ta' Marzu 2023, il-qorti kellha seduta preliminari u ddeċidiet li tiffissa proċess. Fl-istess data, il-qorti laqgħet ukoll it-talba tal-prosekutur biex jitmexxew proċedimenti tal-qorti speċjali (in absentia) kontra l-akkużat. Il-Kunsill ġie infurmat li s-seduti tal-qorti għadhom għaddejjin u li l-evidenza bil-miktub tal-prosekuzzjoni qed tiġi eżaminata mill-qorti. L-avukat difensur tas-Sur Kurchenko jipparteċipa fil-proċess.

PUBLIC

B'rabta mal-proċediment kriminali Nru. 12014160020000076, fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Settembru 2020, il-Qorti ta' Appell ta' Odessa laqgħet l-appell mill-prosekutur u imponiet miżura preventiva ta' detenzjoni taħt kustodja fuq is-Sur Kurchenko. Il-qorti ddikjarat ukoll li s-Sur Kurchenko telaq mill-Ukrajna fl-2014 u li ma jistax jiġi stabbilit fejn jinsab. Il-qorti kkonkludiet li s-Sur Kurchenko qed jinħeba mill-korpi ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess sabiex jevita r-responsabbiltà kriminali. Fl-20 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tad-Distrett Kyivskyi tal-Belt ta' Odessa tat permess biex titwettaq investigazzjoni speċjali ta' qabel il-proċess in absentia. Barra minn hekk, fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tad-Distrett Kyivskyi tal-Belt ta' Odessa ċaħdet l-appell mill-avukati tas-Sur Kurchenko biex tikkanċella r-riżoluzzjoni tal-prosekutur dwar is-sospensjoni tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess bid-data tas-27 ta' Lulju 2021.

Il-Kunsill għandu informazzjoni li l-awtoritajiet Ukreni ħadu miżuri biex ifittxu lis-Sur Kurchenko. Fit-13 ta' Mejju 2021, id-Dipartiment Prinċipali tal-Pulizija Nazzjonali fir-Reġjun ta' Odessa bagħat talba lill-Uffiċċju Ukren tal-Interpol u l-Europol biex jippubblikaw Avviż Aħmar dwar is-Sur Kurchenko, li qed jiġi kkunsidrat. Il-Kunsill ġie infurmat li fid-29 ta' April 2020 l-awtoritajiet Ukreni bagħtu talba għal assistenza legali internazzjonali lill-Federazzjoni Russa, li ġiet irritornata fit-28 ta' Lulju 2020 mingħajr eżekuzzjoni.

Il-Kunsill ġie informat li fis-6 ta' Mejju 2022 tlestiet l-investigazzjoni ta' qabel il-proċess fil-proċediment kriminali Nru 12014160020000076 u fil-1 ta' Awwissu 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Reġjun ta' Odessa bagħat att tal-akkuża lill-Qorti tad-Distrett Prymorskyi tal-Belt ta' Odessa għall-konsiderazzjoni tal-merti tal-każ. Fit-18 ta' April 2023, il-Qorti laqgħet it-talba tal-prosekutur biex jitmexxew proċedimenti tal-qorti speċjali (in absentia) kontra l-akkużat. Il-Kunsill ġie infurmat li s-seduti tal-qorti għadhom għaddejjin, b'diversi dati skedati fl-2024 u l-2025. Pereżempju, fis-seduta tal-qorti tal-25 ta' Jannar 2024, l-avukat difensur tal-akkużat ippreżenta rikors għall-iskwalifika tal-imħallef, li ġie kkunsidrat fl-21 ta' Marzu 2024 u ġie miċħud. Seduta oħra fit-22 ta' Mejju 2024 ma saritx minħabba r-rikors tal-avukat difensur għall-iskwalifika tal-imħallef, li ġie ikkunsidrat fit-3 ta' April 2025 u ġie miċħud. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-evidenza bil-miktub tal-prosekuzzjoni qed tiġi eżaminata mill-qorti.

L-avukat difensur tas-Sur Kurchenko jipparteċipa f'kull seduta tal-qorti.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kunsill iqis li l-perjodi li matulhom is-Sur Kurchenko kien qed jevita l-investigazzjoni jridu jiġu esklużi mill-kalkolu tal-perjodu rilevanti għall-valutazzjoni tar-rispett tad-dritt għal proċess fi żmien raġonevoli. Għaldaqstant, il-Kunsill iqis li ċ-ċirkostanzi deskritti fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Odessa attribwiti lis-Sur Kurchenko kif ukoll in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tat-talba għal assistenza legali internazzjonali kkontribwew b'mod sinifikanti għat-tul tal-investigazzjoni.".